Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 258 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Brian Dalton

Illum 30 ta' Novembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Brian Dalton detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 429802 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-28 ta' Marzu, 2016 u fil-gimghat ta' qabel din id-data bil-vettura DRL 004 gewwa Triq Dun Karm, Birkirkara u fil-gzejjer Maltin:

Diversi atti maghmulin minnhu, jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b` rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artiklu 18).

[1] Ghamilt, ordnajt jew gieghelt li jsir tibdil fil-body, inkluz kemm jistghu jitghabbew passigieri bil-qieghda jew l-arrangamenti tas-sedili tal-passigieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis jew fil-magna ta' xi vettura bil-mutur minghajr l-approvazzjoni miktuba ta' l-Awtorita. (L.S. 65. 11 Artiklu 91 (1) (a))

[2] Minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita, zidt in-numru tas-sedili fil-vettura, biddilt jew wettaqt xi tibdil fil-vettura li ma kienux imnizzla fic-Certifikat tar-Registrazzjoni (Kap 368 Artiklu 21 (1) (g))

[3] Bil-hsieb li tevadi t-taxxa ta` registrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, nqast milli taghti xi avviz minn dawk li jista' jinhtieg li jaghti skont l-artikolu 4

jew 10 (1) tal-Kap 368 jew tajt avviz bhal dak jew fi stqarrija li taghmel lill-Awtorita ghall-ghanijiet ta` dan l-Att, taghrif li tkun taf li kien skorrett jew mhux kompluta f` kull aspett materjali (Kap 368 Artiklu 21 (1) (o))

[4] Soqt, gieghelt jew hallejt l-imsemmija vettura u inqast li tinforma lill-Awtorita ghat-Trasport f` Malta dwar it-tibdil fil-kulur tal-vettura, kif ukoll inqast li tipprezenta lill-Awtorita c-certifikat ta` registrazzjoni biex isir it-tibdil mehtieg fih (L.S. 368.02 Artiklu 9)

[5] Bhala sid tal-vettura bil-mutur, wettaqt jew ippermettejt lil xi persuna ohra twettaq xi addizzjoni, modifika jew addattament fir-rigward tal-vettura minghajr awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Awtorita (Kap 368 Artiklu 10 (1))

[6] Bhala persuna ghamilt, jew inqast milli taghmel jew ippermettejt li jsir jew li nqast milli jsir xi haga jew xi att bil-hsieb li tevadi jew tipposponi l-hlas tat-taxxa ta` registrazzjoni kontra l-ligi (Kap 368 Artiklu 21 (1) (d))

Il-Qorti hija mitluba li tordna l-konfiska bhala parti formanti mill-Corpus Delictus ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, inoltre kif mitlub min Artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti rat illi giet irreġistrata ammisjoni fuq akkużi numri tnejn [2], ħamsa [5].

Fehmet l-ispjegazzjoni tal-konsulent tal-akkuzat illi l-vettura dejjem kienet tintuza ghal skopijiet kummercjali u kien biss minhabba f' ragunijiet ta' sahha ta' Charlene Curmi li ghal ftit zmien tqieghed is seat ta' wara liema seat illum il-gurnata tnehha.

Fuq ammissjoni, wara illi l-Qorti reġgħet tat żmien lill-akkużat jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu.

Illiberatu mill-akkużi numri wieħed [1], tlieta [3], erbgħa [4], sitta [6] u sabitu ħati tal-akkużi numri tnejn [2], ħamsa [5] u;

Immultatu multa ta' €500.00 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fil-1 ta' Lulju 2017, b' dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun

fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Gunju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

Tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-akkużi numru tnejn (2) u ħamsa (5) u l-liberatu mill-akkużi wieħed (1), tlieta (3), erbgħa (4) u sitta (6);

Tgħaddi sabiex tirrevokaha u tħassarha f' dik il-parti rigwardanti il-piena inflitta mil-Qorti u minflok tipprosegwi sabiex tinfliġġi l-piena li hija fix-xorta jew kwantita` tagħha kontemplata fil-liġi għar-reati li tagħhom l-appellat ġie misjub ħati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat Illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u Sbatax (2017), l-esponent Avukat Ġenerali irċieva l-atti tal-kawża odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu li l-piena mogħtija mill-Qorti inferjuri kienet, minħabba fix-xorta jew kwantita' tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-appellat instab ħati. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 21(3) tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għall kull buon fini l-esponent jirrileva li dan l-appell huwa limitat dwar il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati;

Illi l-esponent iħossu aggravat mis-sentenza appellata in kwantu li filwaqt li jaqbel fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija, u liberazzjoni fl-akkużi kif dedotti, madanakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellat għal piena li ma taqax taħt il-parametri previsti mil-liġi. Infatti fost l-akkużi dedotti kontra tiegħu, l-appellat ġie misjub ħati ta' l-imputazzjoni numru tnejn (2) u cioe' li mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita', żidt in-numru tas-sedili fil-vettura, biddilt jew wettaqt xi tibdil fil-vettura li ma kienux imnizzla fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni;

Illi l-Artikolu 21 sub-inċiż g tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola hekk:
*21. (1) Kull min-*
*(g) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità, iżid in-numru ta' sedili fil-vettura, ibiddel jew iwettaq xi tibdil fil- vettura li ma jkunux imniżżla fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni; jew*

Illi l-piena kontemplata fil-liġi u li tapplika għas-subinċiżi kollha ta' artikolu 21 hija ssegwenti;

*ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jeħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar[1], jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*

Illi filfatt il-Qorti tal-Appell Kriminali rigward l-artikolu 21, senjatament dwar il-piena tenniet is-segwenti:
*Dan l-aggravju huwa limitat għall-piena. Il-Qorti eżaminat l-artikolu 21(1)u 21(2) tal-Kap 368. Tal-ewwel jgħid li piena għandha tkun mhux iżjed minn 2500 Ewro, JEW daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa tarreġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar. La l-*

[1] Enfasi u sottolinear tal-esponent

*Ewwel Qorti u lanqas dina m'għandha xi għażla*[2]*. Jekk ittaxxa perikolata kienet ta' 7430 Euro, mela d-doppja tagħha hija €14, 860*[3]*.*

Illi kif ġie indikat aktar il-fuq, l-appellat ġie ikkundannat għal piena tal-multa fl-ammont ta' €500, u stante l-kliem "*skont liema tkun l-aktar*", l-leġislatur neħħa kwalunkwe diskrezzjoni lil Qorti dwar il-piena li għandha tkun inflitta;
Illi gialadarba il-liġi tinponi l-multa l-aktar għolja wieħed loġikament jifhem li l-multa erogata hija l-għola, iżda fil-każ odjern is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati hija mankanti fl-ispjega tal-kalkolazzjoni jew oriġini ta' tali multa;

Illi fil-każ *de quo*, il-prosekuzzjoni ma preżentatx l-ammont pretiż jew tat indikazzjoni tal-ammont ta' taxxa perikolanti, *nonostante cio,* la darba l-Qorti issib ħtija taħt l-artikolu 21 ta' Kap 368 tal-liġijiet ta' Malta, sabiex tasal għal-piena ekwa u ġusta għandha *sine qua non* bżonn l-ammont ta' taxxa perikolanti;

Illi bl-ebda mod ma huwa kontestat li l-kompitu tal-Qorti kien jkun reż aktar faċli li kieku l-prosekuzzjoni preżentat tali ammont u jista' jkun li *ictu ocoli* wieħed jista' jifhem li tali ammont għandu jiġi supplit lil Qorti mil-prosekuzzjoni , *ciononostante* fid-dawl ta' dak suriferit, hija l-umli fehma tal-esponent li gialadarba r-rieda tal-leġislatur hija dik suindikata u tali ammont huwa relatat mal-piena, finalment ma għandhux jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprovvdi tali ammonti;

Illi *dato ma non concesso* li l-ammont tat-taxxa perikolanti għandu jiġi ndikat mil-Prosekuzzjoni, xorta waħda l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li minflok tinfliġġi l-piena tal-multa tikkundanna lil ħati għal perjodu ta' priġunerija, hekk kif kontemplat fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, liema perjodu ma għandux jaqbeż is-sitt (6) xhur, għalhekk in vista ta' dan, l-esponent jemmen li

---

[2] Enfasi u sottolinear tal-esponent

[3] Pulizija vs Joseph Fenech et, Onor. Imħ. Lawrence Quintano, 15/10/13

fiċ-ċikostanzi tal-każ odjern, u dan dejjem mingħajr preġudizzju għal dak espost *supra*, *siccome* fl-atti ma hemmx indikat l-ammont ta' taxxa perikolanti, sabiex il-Qorti tasal għal-sentenza "*safe and sadisfactory*" setgħat tinfliġġi piena karċerarja;

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa appell mressaq mill-Avukat Generali bil-lanjanza unika u ewlenija illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta u il-kwalita taghha dik ikkontemplata fil-ligi u dan limitatament fir-rigward tat-tieni imputazzjoni addebitata lill-appellanti u li dwarha gie misjub hati.

Illi l-piena li l-ligi tikkontempla dwar ir-reat mahsub fl-artikolu 21(1)(g) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik tal-"*multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*"

Illi l-Ewwel Qorti filwaqt li illiberat lill-appellat mill-ewwel, it-tielet, ir-raba u is-sitt imputazzjonijiet, sabitu hati fuq ammissjoni tieghu stess tat-tieni u hames imputazzjoni u ikkundannatu multa ta' €500, u dan minghajr mal-Prosekuzzjoni ressqet ebda prova. Issa jidher illi din il-kawza kienet miexja kontestwalment mal-kawza "Il-Pulizija vs Charlene Curmi" fejn hemmhekk gew imputati l-istess reati u fejn l-Ewwel Qorti ghaddiet ghal decizjoni identika ghal dik taht revizjoni minn din il-Qorti. Illi minn dik id-decizjoni l-Avukat Generali ukoll intavola appell identiku ghal dak odjern, liema appell gie deciz minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-28 ta' Settembru 2017 fejn gie hekk deciz:

"It-taxxa perikolata logikament tinhadem billi tinsab id-differenza bejn it-taxxa originarjament mhallsa ossia dovuta fuq ir-registrazzjoni originali u dik attwalment dovuta li kieku r-registrazzjoni ssir fl-istat tal-vettura llum. Fi kliem iehor id-differenza bejn kemm suppost verament thallset taxxa u dik li fil-fatt

thallset. Dik id-differenza raddobjata ghandha tirraprezenta l-piena kominabbli jekk tkun aktar mill-multa ta' mhux aktar minn €2500. L-iskedi annessi mal-Kapitolu 368 imbaghad jipprovdu ghat-taxxa ta' registrazzjoni li hi dovuta ghall-kull kategorija u ghamla ta' vettura skond l-uzu, l-emmissjoni, l-kobor, cilindrata tal-magna u parametri ohra.
Izda, kif gia osservat, quddiem l-Ewwel Qorti ma xehed hadd. Kien jispetta lill-prosekuzzjoni tressaq dik il-prova tal-ammont ta' taxxa perikolata u certament ma ghandhiex tkun din il-Qorti jew dik tal-ewwel grad li taghmel hi il-kalkoli skond id-diversi Skedi aktar u aktar meta mill-atti processwali ma jemergi ebda dettall dwar il-vettura in kwistjoni ghajr li hi Land Rover. L-ispecifications tal-vettura naturalment jinsabu fic-certifikat tar-registrazzjoni taghha izda anqas dan ma huwa esebit u *mundo magis* kif tista' qatt din il-Qorti tasal biex taghmel l-kalkolu tat-taxxa perikolata minghajr dan it-tgharif?"

Illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar ma' dak hawn fuq deciz fis-sentenza su-iccitat u taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet taghha. Illi allura ghandu jirrizulta illi l-piena komminata mill-Ewwel Qorti, fid-dawl ta' dak li jinsab fl-atti probatorji, kienet taqa' sewwa fil-parametri tal-ligi billi mankanti il-prova dwar kemm kienet it-taxxa perikolata, allura l-piena kellha tkun dik tal-multa mhux in eccess mill-€2500.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

Edwina Grima
Imhallef